MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 314/2014

**GO p.l.c.**

**vs**

**Kevin Sciberras ID247873M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ qed tintalab il-kundanna ghall-hlas ta' elf, erba' mija, disgha u erbghin Ewro erbgha u hamsin centezmi (€1,449.54c) ghal servizzi ta' komunikazzjoni skond akkont nru A/C 40141988 moghti mis-Socjeta' Attrici lill-Konvenut skond Dokumenti IZY1 u 2 u skond il-prospett Dok IZY3.

Bhala RISPOSTA nghad li

1) l-ammont mitlub mhux dovut.
2) is-Socjeta' Attrici trid tispjega l-ezattezza ta' dak mitlub peress li l-Konvenut jichad li ghandu jhallsu.

II PROVI

1. Is-Socjeta’ Attrici ressqet id-dokument li gejjin:-

| | |
|---|---|
| Dok MC1: | emails mghoddija bejn il-partijiet. |
| Dok MC2: | ftehim ghal pagamenti mensili – it-tnejn mhux onorati mill-Konvenut. |
| Dok MC3: | emails ohra bejn il-partijiet |
| Dok MC4: | email b’risposta ghal dik fid-Dok MC1 |

2. Dawn li gejjin huma siltiet mix-xhieda ta’ **<u>Kevin Sciberras</u>** li, naturalment wiehed ghandu jqihom flimkien max-xhieda shieha tieghu li tinsab fil-process. Hu kien dahal f’kuntratt ta’ “business pack” – Dok RS2 datat 02.12.2009. Fl-2011 mar ma Vodafone – Dok RS3 datat 11.1.2012 (*fol* 52). Lil Go baghtilhom diversi emails biex ituh il-kont ha jhallas, u hawn irrifera ghad Dok MC1 esibit mill-GO.

3. Zied jghid “jien nghid li ghandi ntihom €1,000, anzi qed nghid li jiena fuq il-kawza ta’ GO plc ghandi nati €345.33c ghax dan mar oltre dak li meta kelli s-servizzi maghhom”. Il-“cutoff date” hi Jannar 2012 waqt li hemm kontijiet sa Novembru 2012. Mid-Dok RS5 u 6 (minnu esibiti) jirrizulta li kulma kellu “credit balance” kien ta’ €17.45c.

4. In kontro-ezami semma li hemm kawza ohra kontrih u meta gie suggerit lilu li kellu ftehim fuq “home pack” u iehor fuq *mobile* hu sostna li kellu zewg *mobile numbers* inkluzi fil-“home pack”. Spicca jghid li “jien nghid li l-massimu li ghandi nhallas huma hames mija u allura jekk inhallas fil-kawza l-ohra nkun qed inhallas ezatt”.

III KONSIERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL, wara li qies dak li tressaq quddiemu u wara li qies sew it-trattazzjonijiet jghid hekk:-

1. Hawn trid issir il-prova tal-pretensjoni attrici, f’livell ta’ dak li wiehed jistenna *in civilibus*. F’dan il-kas partikulari l-Konvenut eccepixxa li “jridu jispjegaw il-konteggi taghhom peress li l-Konvenut jichad li ghandu jhallas tali cifra ndikata”. Dan kien jitfa <u>onus</u> car fuq is-Socjeta’ Attrici li tissostanzja l-pretensjoni taghha ghas-soddisfazzjoni tad-decident. Issa s-Socjeta’ Attrici rreagixxiet jew laqghet ghal dan billi esibiet dokumenti b’nota u quddiem ix-xhieda elaborata u dettaljata tal-Kovenut illimitat ruhha ghall-kontro-ezami tieghu. Il-Konvenut ta spjegazzjonijiet li jitfghu dubbju fuq il-kontenut tad-dokumenti li, wara kollox, ma gew imwettqa minn hadd minn naha tas-Socjeta’ Attrici. F’dawn ic-cirkostanza anqas setghu jintalbu kjarifikazzjonijiet u spjegazzjonijiet dwar l-istess.

2. In definitiva, t-TRIBUNAL thalla f’sitwazzjoni ta’ dubbju serju dwar il-gustifikazzjoni tat-Talba Attrici.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet, (2) **jichad** it-Talba Attrici u, fic-cirkostanzi jordna u (3) **jiddeciedi** li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------